MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2005

Numru 855/99

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Bartolo)
vs
Miriam Bouvet, bint Carmel,
imwielda Pieta' fil-5 ta'
jannar, 1969

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata talli b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. talli f'dawn l-aħħar tnax il-xahar, f'dawn il-Gżejjer, b'xi mod li jkun, xjentement, għinet jew assistit lil Joseph Cini mill-Qawra sabiex jikkometti serq ta' kwantita' ta' madum, żebgħa u aċċessorji tad-dar, kif ukoll apparat tal-baħar u statwa tal-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-ħin

għad-dannu ta’ Anthony Schembri mill-Qawra u persuni oħra;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi u fil-granet ta’ wara, xjentement, laqgħet għandha ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta, kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta’ marzu, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278, 330, 279(b), 280, 281, 334, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
Bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ mejju, 2005 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ mejju, 2005 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputata u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkuża. Issibha ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278, 330, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.
F’dan il-każ mhemmx lok tal-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------